# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 12 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 156/97**

**Numru 36**

**Joseph Ellul (snr.), Joseph Ellul (jnr.), Benjamin Ellul u Pio Ellul f'isimhom propju u ghan-nom tad-ditta Lorenzo Ellul**

**vs**

**Gretax Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' tmien mija u erbghin lira wiehed u sebghin centemzu (Lm840.71c) bilanc minn somma akbar, prezz ta' household goods lis-socjeta' konvenuta mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri interpellatorji tal-15 ta' Marzu 1996 u 29 ta' Ottubru 1996, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fit-30 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-atturi fil-kwalita’ taghhom premessa s-somma ta' Lm840.71,0 bl-imghax legali mill-31 ta’ Jannar 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri interpellatorji tal-15 ta’ Marzu 1996 u tad-29 ta’ Ottubru 1996.

Alan Calleja
Dep.Reg